MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tal-15 ta' Marzu, 2013

Numru. 247/2013

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR DANIEL ZAMMIT**

**KONTRA**

**MOHAMED HAJI ABDILWAHID NUR, iben Nur Abdilwahid u Fatima, imwieled is-Somalia nhar l-1 ta' Jannar, 1979, detentur tal-karta tal-identita' numru 36750A, residenti gewwa Hal Far Tent Centre;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **Mohamed Haji Abdilwahid Nur** li gie akkuzat talli:

1. Nhar l-14 ta' Marzu, 2013, ghall-habta tal-hamsa u nofs ta' wara nofsinhar (17.30hrs) gewwa Triq il-Vittmi Furjanizi tal-Gwerra, Floriana, ikkommetta serq minn fuq

il-persuna ta' Manuela Grima, liema serq huwa aggravat bil-vjolenza u bil-valur li jaqbez il-mitejn u tnejn u tletin Ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda mhux l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37);

2. U aktar talli rrenda ruhu recidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li nstab hati b'sentenza tal-Qrati ta' Malta liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel.

Rat l-ammissjoni bikrija tal-imputat fl-istadju tal-prezentata b'arrest, u dan wara li gie moghti zmien xieraq sabiex jerga' jahseb dwar l-istess;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali ghal proceduri sommarji, dwar liema l-imputat iddikkjara li ma kellux oggezzjoni.

Rat l-Artikoli 49, 50, 261, 262, 267, 275, u 279(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat:

Illi fuq ammissjoni, din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmi mputat **Mohamed Haji Abdilwahid Nur** hati tal-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu, u tikkundannah piena karcerarja ta' sena(1) sospiza ghal erba'(4) snin, u dan wara li rat l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------